# Uffiċċju tar-Regolatur

## Programm tal-Investitur Individwali (URpii)

### *Ħruġ tas-Sitt Rapport Annwali tar-Regolatur (PII)*

16 ta' Diċembru 2019

Ir-Regolatur (PII) riċentement ippreżenta s-sitt Rapport Annwali tiegħu (li jkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2018 u t-30 ta' Ġunju 2019) lill-Onor. Julia Farrugia Portelli (Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi). Kif stipulat f'Artiklu 25(9) tal-Att Dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188), dan ir-Rapport issa jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Il-kontenut ta' dan ir-Rapport Annwali, li jinkludi statistika, temi li kienu fid-dominju pubbliku, azzjoni li ttieħdet matul is-sena mill-URpii u sett ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-osservazzjonijiet tal-URpii, kien diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Monitoraġġ li kienet saret fit-28 ta' Novembru 2019.

Kopja diġitali tar-rapport tista' tiġi aċċessata mis-sezzjoni 'Dokumenti u Links' ta' din il-websajt jew billi tikklikkja hawnhekk.

2nd Floor, Binja Evans, Triq il-Merkanti, Valletta, Malta
T: 22004381 E: oriip.opm@gov.mt